MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta ta' l-1 ta' Novembru, 2013

Appell Kriminali Numru. 348/2012

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Grezzju Abela**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant [detentur tal-karta tal-identita` numru 496351 (M)] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli
Fl-20 ta' April, 2012 ghall-habta ta' 12.20 hrs gewwa Triq San Guzepp, Rahal gdid
1. bl-imgieba tieghu kkaguna lil persuna ta' Michelle Bartolo biza` li ser tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-proprjeta` taggha jew kontra l-persuna jew il-proprjeta` ta' xi hadd mill-axxendenti ahwa subien jew bniet jew xi persuna ohra msemmija fl-artikolu 222(1) tal-Kodici Kriminali;
2. talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi hebb ghal Michelle Bartolo u kkagunalha griehi ta' natura hafifa hekk kif

iccertifikata minn Dr. Mark Grech MD ta' Paola Health Centre;
3. volontarjament kiser il-bon ordni jew il-paci pubblika, bi storbju, b'ghajjat u/jew glied.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-25 ta' Gunju, 2012, li biha wara li rat l-artikoli 251B(1), 221(1) u 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-appellant hati tal-ewwel u t-tieni akkuzi u ghaldaqstant qeghdet lill-appellant taht Ordni ta' Probation ghal sentejn ai terminu tal-artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.
Ordnat il-hrug ta' Ordni ta' Protezzjoni favur Michelle Bartolo ghal sentejn ai terminu tal-artikolu 412C tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta. Ma sabitux hati tat-tielet akkuza u ghaldaqstant illiberatu.
Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-appellant.
Rat l-appell intavolat mill-appellant fit-3 ta' Lulju, 2012 fejn talab lill-Qorti tħassar is-sentenza mogħtija fil-25 ta' Ġunju, 2012 u tilliberah minn kull ħtija u piena jew tirriforma s-sentenza billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn illiberat lill-akkużat mit-tielet imputazzjoni u tirrevokaha fil-bqija u tilliberah minn kull ħtija u piena.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli difensur.

Rat li l-aggravji tal-appellant jistgħu jkunu sintetizzati kif ġej:

L-ewwel aggravju huwa li s-sentenza hija nulla minħabba li n-nomenklatura tal-Qorti tal-Qorti kienet erronjament indikata mhux biss bħalaa Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali imma wkoll bħala

Qorti tal-Familja. Din tal-aħħar għandha biss klompetenza ċivili.

It-tieni aggravju għamlet apprezzament tal-provi żbaljat għaliex il-verżjonijiet mogħtija mill-partijiet kienu konfliġġenti. L-appellant saħansitra spjega l-pożizzjoni tiegħu lill-Uffiċjal tal-Pulizija kif jidher mill-affidavit tal-Pulizija. Il_prosekuzzjoni ressqet iċ-ċertifikat mediku tat-tabib Dr Mark Grech iżda dan ma kienx ikkonfermat bil-ġurament. Għalhekk il-Qorti ma setgħetx issib xi offiżi ta' kwalunkwe natura li setgħu jitqiesu kaġunati minn xi inċident li fih kien involut l-appellant.

L-ewwel akkuża kienet fabbrikata minn Michelle Bartolo biex tivvessa lill-appellant. L-appellant jinnega b'mod l-aktar qawwi li dak in-nhar uża xi vjolenza. Barra dan l-artikolu 222(1) ma kienx applikabbli għall-fatti tal-każ.

Ikkonsidrat

Li din il-Qorti għandha quddiemha l-affidavit ta' PS 1495, iċ-ċertifikat mediku kif ukoll id-depożizzjoni ta' Michelle Bartolo fil-Qorti tal-Appell Kriminali.

Mill-affidavit jirriżulta li PS 1495 kellu jmur fuq il-post minn fejn kienet intalbet assistenza. Huwa kellem lil Michelle Bartolo. Din kienet għarrfitu li l-appellant, missier it-tifel tagħha, beda jgħajjat kif ukoll ħadilha l-baskett tax-xirja li xtrat u ta daqqiet bih. Huwa kein waqqagħha mal-art ukoll. Hija ntlabet tmur il-Klinika ta' Raħal Ġdid minħabba li kienet ħasset uġigħ u iżda ma kellhiex 'daqqiet li jidhru'. Aktar tard fl-istess jum, Michelle Bartolo kienet marret l-għassa biċ-ċertifikat ta' Dr Mark Grech. Fiċ-ċertifikat it-tabib kein qal li Michelle Bartolo kienet qed issofri minn feriti ħfief.

Min-naħa l-oħra Grezzju Abela (illum l-appellant) kien ċaħad li sawwat lil jew ħebb għal Michelle Bartolo. Anzi kienet hi li bdiet ittih bil-baskett tax-xirja.

Il-Qorti rat ukoll iċ-ċertifikat li jikkonkludi bir-rimarka li l-ġrieħi huma ħfief salv komplikazzjonijiet.

Il-Qorti semgħet ukoll lil Michelle Bartolo li qalet li l-affarijiet kienu ġew għall-agħar ħafna mill-ġurnata ta' meta kien seħħ l-inċident. Hija uriet ix-xewqa li taħfer għal dak li sar dak in-nhar. Fil-jum imsemmi l-appellant kien imbuttaha u xerred ix-xirja mal-art għax kien irrabjat minħabba li ma kenitx qed tkellmu barra dak it-tip ta' har. Kien hemm dan it-tip ta' harassment għax kien qisu ta' kull jum qed jiġri warajha. Iżda issa qed imur għat-tifel fil-ħin tiegħu biss u m'għadux idejjaqha. Sa sitt xhur mid-data tal-udjenza (15 ta' Lulju 2013) kien hemm diversi każijiet wara xulxin ta' harassment. Dan huwa t-tip li jerfa' jdejh. Hija kienet titlob għajnuna lill-Appoġġ u d–Dar Merħba Bik fejn daħlet tliet xhur għax ma setgħetx toqgħod id-dar minħabba dan il-harassment.

Ix-xhud kompliet tgħdi li dak in-nhar li l-appellant hija kellha traċċi tad-demm fl-awrina. Biss minn dak in-nhar 'l hawn, qatt ma kellha inkwiet aktar.

Fil-kontro-eżami hija kkonfermat li kien hemm tifel wieħed fin-nofs u li r-rapport li kienet għamlet lill-Pulizija kien limitat għal dak in-nhar biss.
Ikkonsidrat

Li l-ewwel aggravju tal-appellant huwa dwar l-intestatura li tidher fin-naħa ta' fuq tal-ewwel paġina tas-sentenza. Bir-rispett kollu, mill-intestatura jirriżulta ċar li s-sentenza qed tingħata mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali. Għalhekk m'hemm ebda dubju li s-sentenza ngħatat mill-Qorti li għandha kompetenza skont il-Liġi li tisma' dawn il-kawżi. Iż-żieda 'Qorti tal-Familja' hija biss indikazzjoni li s-smigħ tal-proċess sar mill-Maġistrat assenjat biex jisma' dawn il-kawżi. Bl-istess mod nindikaw il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili b'żieda ta' żewġ kelmiet oħra 'Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali' biex nindikaw li r-rikors promotur kien wieħed li għandu x'jaqsam ma' allegazzjonijiet ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem jew tal-kostituzzjoni.

Għalhekk il-Qorti qed tiċħad dan l-ewwel aggravju.

It-tieni aggravju huwa dwar l-apprezzament tal-provi. Kif diġa' diveris drabi ntqal, din il-Qorti ma tiddisturbax sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati jekk din setgħet tasal għal dik il-konklużjoni raġonevolment u legalment.

L-appellant jissottometti li ċ-ċertifikat tat-tabib li jinsab fl-atti ma kienx ikkonfermat bil-ġurament u allura ma keinx hemm il-prova ta' xi ġrieħi saru, jekk saru.

Bir-rispett kollu, il-Qorti ma tistax taċċetta din is-sottomissjoni għaliex, kif diġa' ntqal minn din il-Qorti diversament preseduta, mhux bil-fors li ġrieħi jew offiżi, ħfief jew gravi, jkun konfermati minn xi tabib. Jekk il-Qorti tal-Maġistrati kienet soddisfatta b'dak li semgħet mix-xhud Michelle Barotolo li dawk il-ġrieħi tassew saru jew li kienu saru ġrieħi oħrajn, hija setgħet tasal għall-konklużjoni li l-appellant kien ħati tat-tieni imputazzjoni. Din il-Qorti semgħet lil Michelle Bartolo tixhed u hija moralment konvinta minn dak li qalet – kemm x'sofriet dak in-nhar kif ukoll li, skont hi, illum l-affarijiet marru għall-aħjar.

L-appellant jgħid li kien hu li ġie aggredit dak in-nhar. Dwar din l-allegazzjoni fl-atti hemm biss sentenza wħada fl-affidavit ta' PS 1495 li huwa x'qal l-appellant lill-Uffiċjal tal-Pulizija. Minħabba li m'hemm xejn aktar fl-atti barra dawn l-għoxrin kelma, il-Qorti m'għandhiex prova li l-affarjiet seħħew kif qed jallega l-appellant.

**Dwar l-ewwel imputazzjoni.**

Skont il-ġurisprudenza, wieħed mill-elementi tad-dispożizzjoni (251B tal-Kap 9) huwa li jrid ikun hemm 'a course of conduct'. Dan ifisser li 'l-harassment' irid ikun sar aktar minn darba.

Minn kif xehdet Michelle Bartolo quddiem din il-Qorti, hija qalet li kien hemm dan it-tip ta' harassment għax kien qisu kull jum qed jiġri warajha. Dan il-harassment baqa' sejjer sa sitt xhur qabel l-udjenza quddiem din il-Qorti – jiġifieri dan il-harassment sar kemm qabel ma ngħatat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (25 ta' Ġunju 2012) kif

ukoll wara. Jista' jitqies biss dak li seħħ **qabel** id-data msemmija fiċ-ċitazzjoni iżda ma jistax jitqies dak li seħħ wara din id-data jew wara d-data tas-sentenza.
Michelle Bartolo hija waħda mill-persuni msemmijin fl-artikolu 222(1) li jagħmel referenza għall-artikolu 202. (Ara 202(h)(iv). Għalhekk din il-Qorti qed tqis li l-ewwel imputazzjoni hija ippruvata u qed tiċħad kull agrravju dwarha.

**Dwar it-tieni imputazzjoni**

Il-Qorti hija konvinta li Michelle Bartolo sofriet offiżi ħfief minn kif iddeskriviet hija ukoll jekk tinjora ċ-ċertifikat tat-tabib.

Minħabba li hija waħda mill-persuni msemmija fl-artikolu 222(1)(a), allura m'hemmx bżonn kwerela tal-parti. Barra minn dan il-pulizija setgħet tmexxi l-azzjoni kriminali wkoll skont il-proviso tal-artikolu 373 tal-Kap 9.

Għalhekk il-Qorti qed tiċħad kull aggravju dwar din it-tieni imputazzjoni.

**Dwar it-tielet imputazzjoni.**

L-appellant kien liberat minn din l-imputazzjoni.

**Konklużjoni**

Għaldaqstant, il-Qorti qed tiċħad l-aggravji kollha tal-appellant u qed tikkonferma s-sentenza mogħtija fil-25 ta' Ġunju 2012 fl-intier tagħha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------